# DUN BARTOLOMEW BUSUTTIL S.Th.D.

*Għeluq it-80 sena minn mewtu.*
*minn George Azzopardi*



Dun Bartolomew Busuttil, iben Michelangelo Busuttil u Giuseppa nee' Mallia, twieled fix-Xewkija nhar it-8 ta' Frar 1839 u ġie mgħammed fl-istess ġurnata minn Dun Pawl Grech. Il-Parrini tiegħu fil-Magħmudija kienu Saverio Busuttil min-Nadur u Ursola bint il-mejjet Giovanni Agius mill-Parroċċa tal-Matriċi, u ġie mogħti l-ismijiet " Giovanni, Saverio u Bartolomew. [1]

Xi żmien wara, l-familja Busuttil (bil-laqam "ta' Katarin") ġew joqgħodu f'Ta' Sannat fejn baqgħu. Id-dar fejn kienu joqgħodu għadha teżisti sal-lum u tinsab f'nri 6-7 fi Triq Dun Xand Aquilina. [2] Meta kiber, Barolomew mar jistudja fis-Seminarju ta' Malta fil-Furjana minn fejn kiseb id-Dottorat fit-Teoloġija.[3] Ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Diċembru 1862 [4] u fis-6 t'April 1866, meta kellu 27 sena, Dun Bartolomew sar id-disa' kappillan tal-parroċċa taż-Żebbuġ (Għawdex). [5]

Huwa kien bniedem umli, ta' ftit kliem, u ta' ħajja mwarrba. Minkejja dan, il-prietki tiegħu kienu jkunu mimlijin b'għerf tas-sema u b'pariri siewja u ta' prattika għall-ħajja nisranija. Kien tassew edifikanti fil-manjieri tiegħu u kellu sens ta' Ragħaj tal-erwieħ li juri interess fil-merħla tiegħu tant li fejn tidħol il-kura ta' l-erwieħ u l-assistenza tal-morda kien jagħmel kull sagrifiċċju.[6]

Dam irieġi l-parroċċa taż-Żebbuġ għal 52 sena sakemm, minħabba saħħtu, kellu jirriżenja minn Kappillan u ġie joqgħod lura fid-dar tal-familja tiegħu f'Ta' Sannat [7] ftit qabel ma' miet nhar is-17 ta' Lulju 1918 fl-eta' ta' 79 sena. [8] Billi meta miet ma' kien fadallu lanqas ħabba minħabba l-karità li kien jagħmel, il-parruċċani taż-Żebbuġ ġabrulu l-flus għall-funeral. Huwa ġie midfun fil-Knisja parrokkjali taż-Żebbuġ.[9]

NOTI U REFERENZI:

1. Arkivju tal-Parroċċa tax-Xewkija, Liber Baptizatorum 3 (1816-1858) 115v
2. Informazzjoni mogħtija verbalment mis-Sur Salvu Buttigieg (illum mejjet). Ara wkoll JOSEPH BEZZINA, Sannat fi Ġrajjet Għawdex, Gozo 1989, 127.
3. ĠUŻEPP VELLA, Iż-Żebbuġ, il-Parroċċa ta' Santa Marija, Gozo 1987, 58.
4. BEZZINA, ibid, 554.5. Tagħrif meħud minn tabella fis-sagristija ta' l-istess knisja parrokkjali taż-Żebbuġ li turi l-ismijiet tal-kappillani u ta' l-arċiprieti ta' l-istess parroċċa b'tagħrif dwar kull wieħed minnhom.
6. VELLA, ibid.
7. Informazzjoni mogħtija verbalment mis-Sur Salvu Buttigieġ (illum mejjet).
8. Ara nota nru 5.9. VELLA, ibid, 8
9. VELLA, ibid, 89